ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

11 JUN 2024

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 598**

**L-Erbgħa 29 ta' Mejju, 2024**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech – Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Mark Grech – Kunsillier
Angelo Scicluna – Kunsillier
Ghislaine Bongailas Zahra – Kunsilliera
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**598.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

598.1.1 Inqraw ittri ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Mark Grech, mis-Sur Angelo Scicluna, mis-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra u mis-Sinjorina Angel Gwyn Louisielle Camilleri fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Mark Grech, is-Sur Angelo Scicluna, is-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra u s-Sinjorina Angel Gwyn Louisielle Camilleri jkunu skużati.

**598.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

598.2.1 Il-minuti tal-597 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara.

**598.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

598.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill l-iskeda tal-ħlasijiet għall-perjodu 30 t'April, 2024 sad-29 ta' Mejju, 2024 li kien jammonta għal €63,895.77. Din ġiet approvata unanimament fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

**598.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

598.4.1 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mingħand il-Klabb tal-Ħamiem Żabbar Dilettanti Ħamiem tal-Ġiri, fejn intalbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsill biex tiġi organizzata *presentation night* sabiex jiġu ppreżentati trofew lir-rebbieħa tal-kompetizzjoni. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi organizzata *presentation night* bil-kollaborazzjoni mal-Klabb tal-Ħamiem Żabbar Dilettanti Ħamiem tal-Ġiri, liema spiża m'għandhiex taqbeż is-somma ta' €600 VAT inkluż.

598.4.2 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mingħand is-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ, fejn intalbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi organizzata l-attività *Zabbar Beer Festival* fit-13 ta' Lulju, 2024 f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi organizzata l-attività *Zabbar Beer Festival* bil-kollaborazzjoni tas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ, liema spiża m'għandhiex taqbeż is-somma ta' €2,000 VAT inkluż.

598.4.3 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mingħand *Zabbar St Patrick Academy*, fejn intalbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi organizzata l-attività *Season Presentation Night*. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi organizzata l-attività *Season Presentation Night* bil-kollaborazzjoni taz-*Zabbar St Patrick Academy*, liema spiża m'għandhiex taqbeż is-somma ta' €900 VAT inkluż.

598.4.4 Is-Sindku qal illi kien irċieva talba mingħand *Zabbar St Patrick FC* sabiex jiġi organizzat *football tournament* bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

598.4.5 Is-Sur Joseph Vella qal illi dawn l-attivitajiet m'għandhom jiġu approvati issa minħabba li ħmistax oħra ser jiġi elett Kunsill ġdid. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienu qed jiġu approvati attivatijiet ġodda u l-Kunsill għandu jżomm f'moħħu li dawn il-fondi iridu jitnaqqsu mill-vot tal-'Kultura'. Is-Sindku qal illi wħud mill-attivitajiet kienu ser isiru fl-aħħar ta' Ġunju jew fl-ewwel ġimgħat ta' Lulju u probabbilment ma kinux ser jilħqu jiġu diskussi mil-leġislatura l-ġdida. Is-Sur Joseph Vella qal illi f'dak il-każ jaqbel li dawn l-attivitajiet jiġu approvati.

598.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet meta kien qed jiġi propost li jsir il-*football tournament*. Is-Sindku qal illi l-ħsieb kien li t-*tournament* jiġi organizzat lejn l-aħħar ta' Ġunju. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi organizz il-*football tournament* bil-kollaborazzjoni taz-*Zabbar St Patrick*, liema spiża m'għandhiex taqbeż is-somma ta' €2,000 VAT inkluż.

598.4.7 Is-Sur Joseph Vella staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva talba formali mingħand *Zabbar St Patrick FC*. Is-Sindku qal illi kien irċieva din it-talba direttament mingħand *Zabbar St Patrick FC* aktar kmieni illum. Is-Sur Joseph Vella qal li huwa ma kienx infurmat b'din it-talba u żied jgħid li huwa jemmen li l-Kunsill m'għandux jieħu deċiżjonijiet dwar attivitajiet ippjanati li jsiru fil-leġislatura li jmiss.

598.4.8 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva korrispondenza minn Povoa de Varzim fejn rappreżentanti mill-Kunsill ġew mistiedna għall-festa ta' San Pedro li ser issir fit-28 u d-29 ta' Ġunju, 2024. Is-Sindku staqsa lill-membri preżenti jekk kienx hemm xi ħadd interessat li jmur il-Portugal. Is-Sur Joseph Agius qal illi huwa kien interessat li jmur Povoa de Varzim. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li d-delegazzjoni tal-Kunsill għandha tkun komposta mis-Sindku, mis-Sur Joseph Agius u mis-Segretarju Eżekuttiv.

598.4.9 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mingħand l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel fejn intalbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġi organizzat kunċert mill-allievi tas-soċjetà matul ix-xahar ta' Ġunju 2024. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi organizzat il-kunċert bil-kollaborazzjoni mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, liema spiża m'għandhiex taqbeż is-somma ta' €2,000 VAT inkluż.

598.4.10 Is-Sindku qal illi hemm il-ħsieb li l-iskemi u l-proġetti jilħqu jingħalqu qabel ma tispiċċa din il-leġislatura.

**598.5 Rapport tal-Udituri u Ittra ta' Direzzjoni**

598.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-Rapport tal-Awditur għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2023 flimkien mal-Ittra ta' Direzzjoni u kopja tat-tweġiba għall-punti mqajma f'din l-ittra. Kopja ta' dawn id-dokumenti ġew iċċirkulati permezz tal-*email* lil kull membru tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament ir-risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni.

**598.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

598.6.1 Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa jekk il-Kunsill kienx ikkonsulta mar-residenti dwar il-proposta li Triq Santa Duminka tinbidel f'żona pedonali. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill diġa kiseb il-permess meħtieġ mingħand Transport Malta sabiex Triq Santa Duminka issir żona pedonali. Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa jekk il-Kunsill jistax jimplimenta dan it-tibdil minnufih. Is-Sindku qal illi kien ser jikkonsulta ma' Transport Malta dwar dan. Il-Kaptan Patrick Barbara talab lis-Sindku biex jagħtih risposta sal-ġimgħa d-dieħla u talab lis-Sindku biex jibgħat jistaqsi lil Transport Malta b'mod formali.

598.6.2 Is-Sinjura Anna Calleja qajmet tħassib dwar ir-residenti ta' Triq Santa Duminka, speċifikament fiż-żona li ser issir pedonali. Is-Sinjura Calleja staqsiet jekk ir-residenti li joqgħodu fi Triq Santa Duminka, fil-parti li ser issir pedonali, jistgħux jidħlu jħottu x-xirja bil-vettura tagħhom. Is-Sindku qal li s-sid tal-uniku garaxx li hemm se jkollu aċċess. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-applikazzjoni tal-Kunsill li ġiet sottomessa lil Transport Malta kien biex it-triq tinqaleb għal żona pedonali. Is-Sinjura Anna Calleja wriet it-tħassib tagħha minħabba li f'din il-parti ta' triq kienu joqgħodu diversi anzjani. Staqsiet ukoll x'kien ser jiġri f'każ li jkun hemm bżonn isir xogħol ta' manutenzjoni f'xi residenza minnhom. Is-Sindku qal f'dak il-każ ir-resident għandu japplika għall-permess għall-użu ta' makkinarju. Is-Sindku qal illi jekk jitħallew jidħlu l-vetturi, din it-triq kienet ser tintuża bħala parkeġġ minflok żona pedonali. Il-Kaptan Patrick Barbara qal li x-xewqa tar-residenti hi li t-triq tkun magħluqa għat-traffiku.

598.6.3 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li ż-żona ta' parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà li hemm fi Triq il-Kapuċċini kantuniera ma' Triq ix-Xgħajra baqgħet ma' ġietx rilokata. Is-Sindku qal illi din ser tiġi rilokata fil-futur viċin.

598.6.4 Is-Sinjura Anna Calleja ressqet ilment li rċeviet mingħand residenti li joqgħodu fi Sqaq Bursett minħabba li kienu qed jaqilgħu ċitazzjonijiet meta jipparkjaw fuq *double yellow line* fit-triq tagħhom. Is-Sinjura Calleja qalet li r-residenti ġew infurmati minn gwardjani lokali li l-linji sofor kienu estiżi aktar milli meħtieġ. Is-Sindku spjega li d-*double yellow lines* kienu essenzjali biex jiġi żgurat aċċess bla xkiel għall-kumpless ta' appartamenti u l-garaxx li kien hemm biswit il-kumpless. Minkejja dan, is-Sinjura Calleja nsistiet li l-linji sofor kienu twal iżżejjed. Is-Sindku sostna li t-tnaqqis fit-tul tas-sinjali sofor ma kienx fattibbli għax ixekkel il-

manuvrar ta' vetturi kbar fosthom it-trakk tal-ġbir tal-iskart. Is-Sindku żied jgħid li huwa xogħol il-gwardjani lokali li joħorġu multi għal min jikser ir-regolamenti tat-traffiku.

598.6.5 Is-Sur Joseph Agius qal illi kien attenda l-AGM tar-Reġjun Port u żied jgħid li matul din l-attività kien intqal biex fil-proġetti jiġu nvoluti t-tfal. Is-Sur Agius qal li l-Kunsill kien għaqli meta nvolva t-tfal fil-proġett ta' tisbiħ ta' Misraħ San Nikola. Is-Sur Agius wera x-xewqa li jiġi mplimentat il-proġett ta' tisbiħ f'Misraħ San Nikola.

**598.7 Mozzjonijiet**

598.7.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**598.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

598.8.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 11 ta' Ġunju, 2024 fis-11.00 ta' filgħodu.

598.8.2 Il-laqgħa spiċċat fis-6.55 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-599 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 11 ta' Ġunju, 2024.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku